**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 9

L-Erbgħa, 8 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

**DAR IT-TAMA**

**25. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid lil min kienet qed issejjaħ Dar it-Tama fi Triq Matty Grima f'Bormla, f'dawn l-aħħar ħames snin?

22/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**L-ISPTAR MATER DEI - KURA TAT-TFAL - ĠENITURI**

**58. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-ġenituri tat-tfal li jkunu qed jirċievu l-kura fl-Isptar Mater Dei, jitħallewx joqogħdu ħdejn it-tfal tagħhom il-ħin kollu?

22/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35124 tal-Leġislatura XIV.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**SEGRETARJI PERMANENTI**

**59. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' segretarji permanenti bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li flimkien mas-Segretarju Permanenti Ewlieni hemm 18-il Segretarju Permanenti. Għal aktar informazzjoni dwar min huma nirreferiha għas-sit elettroniku: https://publicservice.gov.mt/en/personnel-page fejn kopja ta' dan it-tagħrif qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**SEGRETARJI PERMANENTI**

**60. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm segretarji permanenti huma nisa, rġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 59.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MONUMENT IDDEDIKAT LIL DAPHNE CARUANA GALIZIA**

**61. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta u fejn ser jibda x-xogħol fuq il-monument iddedikat lil Daphne Caruana Galizia?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 30616 tal-Leġislatura XIV.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**EAP - ĦADDIEMA MIS-SETTUR PUBBLIKU**

**62. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm ħaddiema mis-settur pubbliku li rrikorrew għall-Employee Assistance Programme (EAP) matul l-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**EAP - ĦADDIEMA MIS-SETTUR PUBBLIKU**

**63. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm mill-ħaddiema tas-settur pubbliku li rrikorrew għall-Employee Assistance Programme (EAP) fl-2026, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERSUNI LI JGĦIXU F'SHELTER HOMES**

**94. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni Maltin, barranin kif ukoll tfal li jgħixu f'shelter homes minħabba li huma homeless?

23/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERSUNI HOMELESS - STATISTIKA**

**95. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istatistika ta' kemm persuni kienu rikonoxxuti bħala homeless matul is-snin 2023, 2024 u 2025?

23/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**ENTITAJIET PUBBLIĊI - KSUR TA' GDPR**

**96. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm ksur tal-GDPR minn entitajiet pubbliċi matul l-2025 u x'passi ttieħdu?

23/06/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2025, mill-investigazzjonijiet imwettqa mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* - riżultat ta' ilmenti mressqa minn suġġetti tad-data ai termini tal-artikolu 77(1) tal-GDPR - il-Kummissarju sab tlettax-il każ li wasslu għall-ksur tal-GDPR minn awtoritajiet pubbliċi. Fir-rigward ta' notifiki ta' ksur ta' data personali li saru minn awtoritajiet pubbliċi skont l-artikolu 33(1) tal-GDPR, il-Kummissarju sab li tliet awtoritajiet pubbliċi wettqu ksur tal-GDPR.

Il-Kummissarju eżerċita l-poteri korrettivi hekk kif ġej:

| | |
|---|---|
| Artikolu 58(2)(b) tal-GDPR (ċanfar lill-awtorità pubblika) | 2 |
| Artikolu 58(2)(c) tal-GDPR (ordni lill-awtorità pubblika sabiex tikkonforma mat-talbiet tas-suġġetti tad-data) | 3 |
| Artikolu 58(2)(d) (ordni sabiex l-awtorità pubblika twettaq l-operazzjonijiet ta' pproċessar konformità mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR) | 13 |

Seduta Numru 9
08/07/2026

**QORTI TAL-FAMILJA - L-ITWAL KAŻ**

**97. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid bħala perjodu ta' żmien, kemm ilu għaddej l-itwal każ fil-Qorti tal-Familja?

23/06/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-itwal kawża li għadha pendenti kienet reġistrata fil-15 ta' Ġunju 2005. It-tul tal-proċeduri huma attribwiti għan-natura, il-partijiet u l-prosegwiment tal-kawża.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**AWTORITÀ TAD-DJAR - PROPRJETAJIET - MANUTENZJONI**

**98. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm proprjetajiet li jaqgħu taħt l-Awtorità tad-Djar li saritilhom manutenzjoni fuqhom mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar wettqet xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq total ta' 1,603 proprjetà minn Jannar tal-2025 sal-24 ta' Ġunju 2026.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERMESSI GĦALL-BINI**

**168. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' permessi għall-bini approvati matul Frar, Marzu, April u Mejju 2026 fuq:
(i) art ODZ;
(ii) siti skedati; u
(iii) Urban Conservation Areas (UCAs)?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li peress li fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar m'hemm l-ebda data field li tidentifika l-informazzjoni mitluba, biex jinġabar it-tagħrif kif mitlub, wieħed ikollu jdur l-applikazzjonijiet waħda waħda u għalhekk jinqabeż l-Advisory Cost Limit, kif stabbilit f'rulings preċedenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERMESSI GĦALL-BINI APPROVATI WARA OĠĠEZZJONIJIET**

**169. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il permess għall-bini ġie approvat matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 wara li ġew sottomessi oġġezzjonijiet minn residenti, NGOs jew kunsilli lokali?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li peress li fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar m'hemm l-ebda data field li tidentifika l-informazzjoni mitluba, biex jinġabar it-tagħrif kif mitlub, wieħed ikollu jdur l-applikazzjonijiet waħda waħda u għalhekk jinqabeż l-Advisory Cost Limit, kif stabbilit f'rulings preċedenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERMESSI GĦALL-BINI APPROVATI B'MOD AĊĊELLERAT**

**170. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il permess għall-bini ġie approvat permezz ta' fast-track procedure jew accelerated processing matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li peress li fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar m'hemm l-ebda data field li tidentifika l-informazzjoni mitluba, biex jingħabar it-tagħrif kif mitlub, wieħed ikollu jdur l-applikazzjonijiet waħda waħda u għalhekk jinqabeż l-Advisory Cost Limit, kif stabbilit f'rulings preċedenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERMESSI GĦAL DEMOLITION U REBUILDING**

**171. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il permess relatat ma' demolition u rebuilding ġie approvat matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 kienu ġew approvati 482 applikazzjoni għal żvilupp li kienu jinkludu il-kliem 'demolish', 'demolition', 'twaqqa', jew 'twaqqiegħ' fid-deskrizzjoni tal-proposta provduta mill-Perit tal-każ, fejn id-deskrizzjoni tinkludi ukoll kostruzzjoni ta' bini. Dan ifisser li n-numru jinkludi każijiet fejn it-twaqqiegħ seta' kien biss twaqqiegħ ta' ħajt (boundary wall) u li fuq is-sit kien qed jintalab ukoll li ssir kostruzzjoni ġdida; jew każijiet fejn sar biss twaqqiegħ parzjali tal-istruttura oriġinali u li fuq is-sit kien qed jintalab ukoll li ssir kostruzzjoni ġdida.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**L-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI**

**172. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għal construction permit għadha pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li peress li fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar m'hemm l-ebda data field li tidentifika l-informazzjoni mitluba, biex jingħabar it-tagħrif kif mitlub, wieħed ikollu jdur l-applikazzjonijiet waħda waħda u għalhekk jinqabeż l-Advisory Cost Limit, kif stabbilit f'rulings preċedenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PERMESS GĦAL ŻIEDA FL-GĦOLI TAL-BINI**

**173. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati permessi li jinvolvu żieda fl-għoli tal-bini lil hinn minn dak eżistenti fiż-żona matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li peress li fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar m'hemm l-ebda data field li tidentifika l-informazzjoni mitluba, biex jingħabar it-tagħrif kif mitlub, wieħed ikollu jdur l-applikazzjonijiet waħda waħda u għalhekk jinqabeż l-Advisory Cost Limit, kif stabbilit f'rulings preċedenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**FAST FERRY MILL-IMĠARR, GĦAWDEX GĦALL-BELT VALLETTA – VJAĠĠ TAD-8:45 A.M.**

**462. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għaliex il-vjaġġ tad-8:45 a.m. mhuwiex inkluż fl-iskeda tas-servizz tal-fast ferry mill-Imġarr, Għawdex għall-Belt Valletta? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li dan il-vjaġġ jiġi introdott?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-vjaġġ tad-8:45 a.m. mill-Port tal-Imġarr, Għawdex, lejn il-Belt Valletta ma jinsabx fl-iskeda attwali peress li, skont il-ftehim għall-provvista tas-servizz skedat ta' fast ferry bejn il-Belt Valletta u l-Port tal-Imġarr, dan il-vjaġġ ġie rtirat mill-iskeda tas-servizz. Kwalunkwe tibdil jew introduzzjoni mill-ġdid ta' dan il-vjaġġ ikollu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-arranġamenti kuntrattwali u tal-eżiġenzi operattivi tas-servizz.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**FAST FERRY – PRIORITY BOARDING – RESIDENTI GĦAWDXIN**

**463. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa mistenni li tidħol fis-seħħ is-sistema ta' priority boarding għar-residenti Għawdxin fuq is-servizz tal-fast ferry?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-passiġġieri li jkollhom biljett validu mixtri minn qabel, inkluż l-Għawdxin, jingħataw prijorità u jkollhom l-imbark garantit. Fl-istess waqt qed isiru żviluppi fis-sistemi bil-għan li l-Għawdxin u l-Maltin li jużaw is-servizz ta' kuljum ikollhom iżjed flessibilita` fil-vjaġġi tagħhom.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**QORTI T'GĦAWDEX – KAŻIJIET TA' TRAFFIKAR TAD-DROGA**

**464. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' traffikar ta' droga tressaq quddiem il-Qrati f'Għawdex matul is-snin 2024, 2025 u 2026, maqsuma sena b'sena, u jindika x'tip ta' sustanzi kienu involuti f'kull każ?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**QORTI U TRIBUNAL T'GĦAWDEX – KAŻIJIET TA' PUSSESS TAD-DROGA**

**465. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ta' pussess sempliċi ta' droga ġie rrappurtat jew tressaq quddiem il-Qrati f'Għawdex u quddiem it-Tribunal matul is-snin 2024, 2025 u 2026, maqsuma sena b'sena, u jindika x'tip ta' sustanzi kienu involuti f'dawn il-każijiet?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IL-VAPUR NIKOLAUS – KIRJA U SPIŻA TOTALI**

**466. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet il-kirja tal-vapur Nikolaus, li l-Gvern beda jikri f'Ġunju tal-2019, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u kemm hija l-ispiża totali mħallsa s'issa fir-rigward ta' din il-kirja?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 2176 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**GOZO CHANNEL – TENDER ĠDID GĦALL-PROVVISTA TA' VAPUR**

**467. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kif it-tender il-ġdid għall-provvista ta' vapur għall-Gozo Channel huwa differenti mit-tenders preċedenti u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kundizzjonijiet kollha tas-sejħa għall-offerti (tender)?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender ġie mfassal skont il-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali u kompetizzjoni ġusta, bi kriterji ċari u mhux diskriminatorji. Dan sar biex tiġi attirata parteċipazzjoni effettiva minn operaturi ekonomiċi kwalifikati. L-ispeċifikazzjonijiet ġew stabbiliti b'mod proporzjonat għall-ħtiġijiet operattivi tal-kumpanija Gozo Channel. Sabiex tiġi assigurata t-trasparenza ta' dan il-proċess, id-dettalji kollha relatati ma' dan it-tender ġew ippubblikati fuq il-portal tal-akkwisti elettroniċi (EPPS).

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IL-WARDIJA – SKOLA DUN MANWEL ATTARD – NUMRU TA' STUDENTI**

**508. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu mistenni li jkun in-numru ta' studenti li jattendu l-iskola Dun Manwel Attard fil-Wardija, għal kull sena, fis-sena skolastika 2026-2027?

30/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li matul is-sena skolastika li ġejja, fl-iskola msemmija n-numru ta' studenti mistenni jkun ta' 104.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IL-BAJJA TA' BUĠIBBA – IRMIĠĠI**

**509. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' rmiġġi li kien hemm fil-bajja ta' Buġibba, u dan qabel ma sar ix-xogħol fuq l-istess irmiġġi? Jista' jgħid ukoll kemm hu n-numru ta' rmiġġi wara li sar ix-xogħol u kif ser jiġu allokati/ġew allokati l-irmiġġi li żdiedu?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel ma beda x-xogħol ta' riorganizzazzjoni, fil-bajja ta' Buġibba kien hemm total ta' 334 rmiġġ identifikat fiż-żona. Wara ir-riorganizzazzjoni in-numru ta' rmiġġi fil-layout il-ġdid huwa ta' 411.
Madankollu, għandu jiġi nnutat li dawn iċ-ċifri mhux neċessarjament jistgħu jiġu mqabbla direttament, peress li l-konfigurazzjoni l-ġdida ġiet iddisinjata fuq il-bażi tad-dimensjonijiet tal-bastimenti u l-istandards ta' sigurtà tan-navigazzjoni tal-lum. Għaldaqstant, il-kapaċità taż-żona tiddependi wkoll fuq id-daqs u l-karatteristiċi tal-bastimenti li jkunu qed jużaw l-irmiġġi.
Ir-riorganizzazzjoni saret sabiex titjieb is-sigurtà tan-navigazzjoni, jiġu stabbiliti fairways adegwati u jiġi ottimizzat l-użu taż-żona.
L-allokazzjonijiet ta' kwalunkwe spazju disponibbli jsiru skont il-prattika amministrattiva stabbilita tal-Awtorità minn żmien għal żmien, filwaqt li jitqiesu diversi fatturi, fosthom il-qisien u l-karatteristiċi tal-bastiment, il-kapaċità u l-konfigurazzjoni tal-irmiġġi disponibbli, il-kundizzjonijiet operattivi tal-lokalità partikolari, kif ukoll aspetti relatati mas-sigurtà u n-navigazzjoni.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IL-BAJJA TA' BUĠIBBA – ĊAQLIQ TAL-IRMIĠĠI – XOGĦLIJIET**

**510. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm sewa x-xogħol li sar fil-bajja ta' Buġibba wara l-breakwater, għal dak li jikkonċerna ċ-ċaqliq tal-irmiġġi fl-istess bajja?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ispiża totali relatata mar-riorganizzazzjoni tal-irmiġġi f'Buġibba kienet tammonta għal €1,189,795.00 (VAT Eskl.)

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IN-NAXXAR – SPLUŻJONI TAL-KAMRA TAN-NAR – RAPPORTI TA' ĦSARAT**

**511. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti ta' ħsarat fl-għases tal-pulizija wara l-isplużjoni tal-kamra tan-nar fil-limiti tan-Naxxar? Jista' jgħid ukoll f'liema għases daħlu dawn ir-rapporti, u kemm-il rapport daħal f'kull għassa?

30/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika x'tip ta' ħsarat qed tirreferi għalihom.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IN-NAXXAR – SPLUŻJONI TAL-KAMRA TAN-NAR – KUMPENS/GĦAJNUNA**

**512. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'tip ta' kumpens/għajnuna hi mistennija li tingħata lil dawk li sofrew ħsarat wara l-isplużjoni fil-kamra tan-nar fil-limiti tan-Naxxar?

30/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Il-Gvern diġà pprovda għajnuna lill-bdiewa affettwati bħala parti mill-miżuri prekawzjonarji meħuda biex tiġi mħarsa s-sigurtà tal-ikel. Ingħata kumpens għall-prodott agrikolu li kellu jinqered jew li nġabar sabiex isiru kampjuni u analiżi fil-laboratorji. Dawn il-miżuri kienu meħtieġa sabiex isiru l-valutazzjonijiet neċessarji relatati mas-sigurtà tal-ikel, filwaqt li naqqsu kemm jista' jkun l-impatt finanzjarju fuq il-bdiewa milquta.

Fir-rigward ta' kull assistenza jew kumpens ieħor marbut mal-ħsarat ikkawżati mill-isplużjoni, bħalissa għadha għaddejja l-inkjesta maġisterjali dwar il-każ. Għaldaqstant, il-Gvern ser jistenna l-konklużjonijiet ta' din l-inkjesta qabel jikkunsidra kwalunkwe miżura ulterjuri, dejjem skont dak li tipprovdi l-liġi.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**TIBDIL FIS-SWIMMING ZONES**

**513. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm tibdil fis-swimming zones mis-sena l-oħra għal din is-sena? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar it-tibdil li sar?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm tibdil fis-swimming zones mis-sena l-oħra għal din is-sena.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PGTM – APPLIKAZZJONIJIET**

**571. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu applikazzjonijiet għall-proċess tal-PGTM minn meta ġie introdott, għal liema kundizzjonijiet iddaħħlu l-applikazzjonijiet u kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati b'identifikazzjoni ta' liema kienu l-kundizzjonijiet?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-introduzzjoni tal-PGTM fl-2022 daħlu tlett applikazzjonijiet għand l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun, sabiex isiru trattamenti bl-użu tal-PGTM. L-applikazzjonijiet kienu jkopru tlett kundizzjonijiet mid-9 li hemm approvati u ċjoè, Huntington Disease, Gangliosidosis u Finnish Nephrotic Syndrome. Waħda mill-applikazzjonijiet kienet approvata u sar l-IVF bl-użu tal-PGTM. It-tnejn l-oħra għadhom għaddejjin bil-proċess ta' validazzjoni.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IVF – TRABI MWIELDA – PGTM**

**572. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twieldu trabi permezz tal-proċess tal-IVF li kienu jeħtieġu l-PGTM?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel proċess tal-IVF kien suċċess u twieldet l-ewwel tarbija permezz tal-PGTM.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IR-RABAT, MALTA – TOROQ LI NGĦATAW IT-TARMAK**

**644. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema toroq fir-Rabat, Malta ngħataw it-tarmak bejn April u Ġunju 2024?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn April u Ġunju 2024, ingħata asfalt fi Triq il-Maltin Internati u Eżiljati, Triq il-Kav. Vincenzo Bonello, Triq Santa Katerina, Triq Antonio Nani, Triq Għar Barka, Triq in-Nigret, Triq il-Ġarġir, Triq l-Iskultura, Triq tat-Tabija, Vjal il-Ħaddiem u Triq Għajn Qajjet, Rabat, Malta.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**IR-RABAT, MALTA – TOROQ LI NGĦATAW IT-TARMAK**

**645. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid liema toroq fir-Rabat, Malta ngħataw it-tarmak bejn April u Ġunju 2024?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PROĠETT 'BEAUTIFUL MALTA INITIATIVE' – FONDI**

**646. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 130 u jgħid jekk hux se jittieħdu fondi mill-Planning Fund allokat għall-Kunsilli Lokali fil-proġett 'Beautiful Malta Initiative'?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għall-proġett 'Beautiful Malta Initiative' mhumiex ser jittieħdu fondi mill-Planning Fund allokat għall-Kunsilli Lokali.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**XJENZA MALTA – SKEMI MIFTUĦA**

**647. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm skemi ta' Xjenza Malta miftuħa bħalissa?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**XJENZA MALTA – SKEMI MAĦRUĠA**

**648. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu skemi minn Xjenza Malta s'issa?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sal-mument li qiegħda tiġi imwieġba din il-mistoqsija parlamentari, Xjenza Malta fetħet total ta' **29** skema.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**ĦMIEĠ TAL-ANNIMALI – MULTI**

**649. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Ħarsien tal-Annimali, tgħid kemm kien hemm persuni li weħlu multi fuq ħmieġ tal-annimali, maqsuma lokalità b'lokalità?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**694. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** It-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**695. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**696. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**697. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**698. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Tista' tgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari se tkun qed tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**699. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA**

**802. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 413 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 65 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni 'l fuq minn 65 sena fid-dinja tax-xogħol żdied għal 15,763 fl-2026 minn 11,487 fl-2021. Din l-informazzjoni hija miġbura mill-formoli ta' bidu u tmiem ta' impjieg u iżjed informazzjoni dettaljata tinstab fit-tabella t' hawn taħt;

| | **ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **65+** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
| | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Jannar** |
| **Total** | **11,487** | **12,407** | **13,499** | **14,517** | **15,795** | **15,763** |

Seduta Numru 9
08/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 70 SENA – STATISTIKA**

**803. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 414 u jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 70 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni 'l fuq minn 70 sena fid-dinja tax-xogħol żdied għal 8,440 fl-2026 minn 6,124 fl-2021. Din l-informazzjoni hija miġbura mill-formoli ta' bidu u tmiem ta' impjieg u iżjed informazzjoni dettaljata tinstab fit-tabella t' hawn taħt;

| | **ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **70+** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
| | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Jannar** |
| **Total** | **6,124** | **6,547** | **7,091** | **7,681** | **8,471** | **8,440** |

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PROGRAMM AI GĦAL KULĦADD (AI4ALL)**

**806. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'ser ikun qed joffri l-programm AI għal Kulħadd? Jista' jgħid ukoll kemm kienet il-konkorrenza mit-tnedija tagħha?

02/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-programm AI għal Kulħadd huwa programm nazzjonali edukattiv li jesponi lill-individwi Maltin minn età ta' 14-il sena u akbar, għal-prinċipji bażiċi u fundamentali tal-użu tal-IA. Dan il-programm jibda bi 3 korsijiet li jiffokaw fuq l-elementi fundamentali tal-IA, l-IA għall-ħajja ta' kuljum u l-IA għat-tagħlim. Kull min jsegwi u jwieġeb l-mistoqsijiet relatati ma' dawn il-korsijiet jilħaq livell ta' tagħlim li jwassal għal użu sigur tal-IA. L-individwi li jaslu sa' dan il-livell jirċievu ċertifikat li jikkonferma li t-tlett korsijiet ġew konklużi b'suċċess, kif ukoll aċċess għal sena b'xejn għal ChatGPT Plus jew Microsoft 365 Personal bil-Copilot AI.
Il-progress tal-ewwel fażi kien wieħed pożittiv ħafna, b'aktar minn 29,000 individwu rreġistraw u bdew il-programm fl-ewwel sebgħa ġimgħat mit-tnedija tiegħu. 15,839 individwu lestew it-tlett korsijiet u rċevew abbonament ta' sena għal wieħed mill-għodod tal-IA msemmija.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**INVESTIMENT FIS-SETTUR TAL-AI**

**807. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment qed jalloka l-Gvern fis-settur tal-AI u x'ser ikunu l-miri long-term għall-programm AI4ALL?

02/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hekk kif imħabbar fid-diskors tal-Budget 2026, il-Gvern alloka €100 miljun għad-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji bħall-Intelliġenza Artifiċjali. Il-programm l-AI4ALL huwa intenzjonat li joffri programm edukattiv li jibda billi jesponi lill-individwi Maltin minn età ta' 14-il sena u akbar, għall-prinċipji bażiċi u fundamentali tal-użu tal-IA. Grazzi għall-ewwel fażi, kull min hu eliġibbli biex jipparteċipa f'dan il-programm edukattiv jista' jilħaq livell ta' tagħlim li jippermettilu juża l-IA b'mod sigur.
Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq it-tieni fażi li matulha se jkunu offruti korsijiet li jiffokaw fuq kif wieħed jista' juża l-IA f'sitwazzjonijiet partikolari, bħall-IA għall-impjegati tas-settur pubbliku, u kif tista' tintuża l-IA minn persuni li qed ifittxu xogħol. Din il-fażi, apparti li qed tinkludi l-iżvilluppar tal-kontenut, se tinkludi ukoll l-akkreditazzjoni ta' dawn il-korsijiet addizzjonali. B'hekk dawk l-individwi li jkomplu b'suċċess dawn l-'pathways' addizzjonali se jkunu jistgħu jirċievi ċertifikat li jikkonferma il-livell edukattiv miksub.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**INFRASTRUCTURE MALTA – PROĠETTI**

**840. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti li preżentement għaddej ix-xogħol fuqhom minn Infrastructure Malta bid-dettalji segwenti:
i. it-triq u l-lokalità;
ii. it-tip ta' proġett;
iii. id-data ta' meta inbeda l-proġett; u
iv. it-tul tal-eżekuzzjoni tal-proġett (f'ġimgħat/working weeks) skont kif indikat fit-tender, framework jew dokument ta' procurement ieħor?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jispeċifika għal liema proġett qed jirreferi.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**KAROZZI TAL-LINJA – PASSIĠĠIERI BILWIEQFA**

**841. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet fuq il-karozzi tal-linja tat-trasport pubbliku matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, bil-għan li jiġi vverifikat li n-numru ta' passiġġieri bilwieqfa ma kienx jaqbeż il-kapaċità massima permessa? Jista' jgħid ukoll, għal kull sena separata, kemm instabu każijiet fejn il-kapaċità massima ta' passiġġieri bilwieqfa kienet inqabżet u x'azzjoni ttieħdet f'dawn il-każijiet?

02/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta twettaq spezzjonijiet regolari fuq il-karozzi tal-linja. Dawn l-ispezzjonijiet ikopru, fost l-oħrajn, il-kundizzjoni tal-vettura, aspetti relatati mas-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll ix-xufiera.

Bħala parti minn dawn l-ispezzjonijiet, l-uffiċjali ta' Transport Malta jivverifikaw ukoll li n-numru ta' passiġġieri bilwieqfa ma jaqbiżx il-limitu stabbilit fis-Certificate of Conformity tal-vettura. It-tabella li ġejja turi n-numru ta' spezzjonijiet imwettqa, kif ukoll l-għadd ta' każijiet fejn instab li karozza tal-linja kienet qed iġġorr aktar passiġġieri mil-limitu permess:

| **Sena** | **Numru ta' Spezzjonijiet** | **Każi ta' Overloading** |
|---|---|---|
| 2024 | 22,118 | 0 |
| 2025 | 30,572 | 1 |
| 2026 (Bejn Jannar u Mejju) | 16,026 | 4 |

Seduta Numru 9
08/07/2026

**TRASPORT PUBBLIKU – ILMENTI – SENA 2024**

**842. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċieva dwar it-trasport pubbliku (karozzi tal-linja) matul is-sena 2024, maqsuma skont il-kategorija tal-ilment (dewmien, iffullar, imġieba tas-sewwieqa, aċċessibbiltà, indafa u oħrajn)?

02/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**TRASPORT PUBBLIKU – ILMENTI – SENA 2025**

**843. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċieva dwar it-trasport pubbliku (karozzi tal-linja) matul is-sena 2025, maqsuma skont il-kategorija tal-ilment (dewmien, iffullar, imġieba tas-sewwieqa, aċċessibbiltà, indafa u oħrajn)?

02/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, matul is-sena 2025, ġew riċevuti total ta' 1,996 ilment relatati mas-servizz tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, maqsuma skont il-kategorija kif ġej:

| **Kategorija** | **Għadd** |
|---|---|
| Kundizzjoni tal-karozzi tal-linja | 9 |
| Bus shelters | 50 |
| Bus stops | 186 |
| Nuqqas ta' kapaċità | 260 |
| Xufiera jew impjegati tal-operatur | 313 |
| Puntwalità | 152 |
| Affidabbiltà | 194 |
| Skedi | 383 |
| Oħrajn | 449 |
| **Total** | **1996** |

Seduta Numru 9
08/07/2026

**TRASPORT PUBBLIKU – ILMENTI – SENA 2026**

**844. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċieva dwar it-trasport pubbliku (karozzi tal-linja) fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kategorija tal-ilment (dewmien, iffullar, imġieba tas-sewwieqa, aċċessibbiltà, indafa u oħrajn)?

02/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, mill-bidu tas-sena 2026 sas-17 ta' Ġunju 2026, daħal total ta' 674 ilment relatati mas-servizz tat-trasport pubbliku bil-karozzi tal-linja, maqsuma skont il-kategorija kif ġej:

| Kategorija | Għadd |
|---|---|
| Kundizzjoni tal-karozzi tal-linja | 4 |
| Bus shelters | 21 |
| Bus stops | 85 |
| Nuqqas ta' kapaċità | 62 |
| Xufiera jew impjegati tal-operatur | 129 |
| Puntwalità | 32 |
| Affidabbiltà | 64 |
| Skedi | 83 |
| Oħrajn | 194 |
| **Total** | **674** |

Seduta Numru 9
08/07/2026

**HIP REPLACEMENT – APPUNTAMENTI**

**851. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament għal hip replacement?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 185 pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**OPERAZZJONI TAL-KATARETTI – APPUNTAMENTI**

**852. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament għal operazzjoni tal-kataretti?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 111 -il pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**BUNION SURGERY – APPUNTAMENTI**

**853. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament tal-bunion surgery?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 142 pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**OPERAZZJONIJIET RELATATI MAL-ISPINA TAD-DAHAR – APPUNTAMENTI**

**854. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament għal operazzjonijiet relatati mal-ispina tad-dahar?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 259 pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**PROĊEDURI RELATATI MAL-UROLOĠIJA – APPUNTAMENTI**

**855. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament għal proċeduri relatati mal-uroloġija?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 198 pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**OPERAZZJONI TAT-TUNSILLI – APPUNTAMENTI**

**856. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti jistennew appuntament għall-operazzjoni tat-tunsilli?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 kien hemm 145 pazjent li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**FALL DETECTION SENSORS, DAWL ADDATTIV U 'VOICE-CONTROLLED APPLIANCES'**

**880. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikunu qegħdin jingħataw il-'fall detection sensors', dawl addattiv u 'voice-controlled appliances' lill-anzjani li jgħixu waħedhom fil-komunità? Jista' jgħid ukoll jekk dawn humiex ser jingħataw b'xejn lill-anzjani jew jekk huwiex ser ikun hemm ħlas għalihom? Jekk iva, jista' jgħid kemm ser ikun il-ħlas?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità tinsab fil-fażi ta' ppjanar ta' din l-inizjattiva. Wara li jitlestew il-proċessi neċessarji kollha, tibda l-fażi tal-offerta għax-xiri tal-hardware u s-software u s-sistema tal-implimentazzjoni.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**ANZJANI LI JGĦIXU FI DJAR TAL-ANZJANI**

**881. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' anzjani li illum jgħixu fi djar tal-anzjani?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' anzjani li jgħixu fi djar tal-anzjani jammonta għal 4,267; filwaqt li 1,446 pazjent huma rikoverati fil-long term care ta' San Vinċenz de Paule.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**UNIVERSITÀ TAR-RABA' ETÀ - ANZJANI LI JGĦIXU FI DJAR TAL-ANZJANI**

**882. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' anzjani li llum jgħixu fi djar tal-anzjani li jattendu l-Università tar-Raba' Età?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sena skolastika li għaddiet ġewwa l-Università tar-Raba' Età attendew 150 anzjan li jgħixu fi djar tal-anzjani.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR - ĊENTRU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

**883. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikun qed jiftaħ iċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva f'Ħaż-Żabbar?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-Ċentru ta' matul il-jum għall-Anzjanità Attiva f'Ħaż-Żabbar ser jiftaħ fis-sena 2027.

Seduta Numru 9
08/07/2026

### ĦAŻ-ŻEBBUĠ - ĊENTRU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

**884. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikun qed jiftaħ iċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva f'Ħaż-Żebbuġ?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ċ-ċentru ta' matul il-jum għall-Anzjanità Attiva f'Ħaż-Żebbuġ ser jiftaħ fis-sena 2028.

Seduta Numru 9
08/07/2026

### ĊENTRI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

**885. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fejn ser jinfetħu aktar ċentri għall-anzjanità attiva apparti dawk f'Ħaż-Żabbar u f'Ħaż-Żebbuġ?

03/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm pjanijiet biex jinfetħu ċentri oħra fiż-żmien li ġej u bħalissa qegħdin isiru l-arranġamenti sabiex jiġu identifikati l-postijiet eżatti.

Seduta Numru 9
08/07/2026

### SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU

**926. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx rapport tekniku jew stħarriġ strutturali dwar il-kundizzjoni tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar? Jekk iva, meta sar u x'kienu l-konklużjonijiet tiegħu?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 9
08/07/2026

### SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU - INVENTARJU NAZZJONALI TAL-PROPRJETÀ KULTURALI

**927. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar għadha mhijiex inkluża fl-Inventarju Nazzjonali tal-Proprjetà Kulturali, minkejja s-sinifikat storiku u kulturali tagħha? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan biex din l-ommissjoni tiġi indirizzata?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU - RESTAWR**

**928. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx fondi allokati jew ippjanati għar-restawr, il-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar u meta huwa mistenni li jibdew dawn l-interventi?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - MAĦRAS TA' TABIBU**

**929. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux ser jikkollabora ma' Din l-Art Ħelwa, mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u ma' entitajiet oħra kompetenti sabiex jiġi salvagwardjat il-monument uniku tal-Maħras ta' Tabibu, f'San Pawl il-Baħar, li huwa meqjus bħala l-aħħar maħras medjevali li għadu jeżisti fil-Gżejjer Maltin?

03/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** L-informazzjoni tingħata fis-seduti li ġejjin.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR – SERVIZZI TA' TINDIF**

**930. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl tal-ftehim u l-investiment li kienu tħabbru fis-snin preċedenti sabiex jissaħħu s-servizzi ta' tindif fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru tgħid:

i. jekk il-Gvern għadux iqis l-indafa f'din il-lokalità bħala prijorità;

ii. jekk dawn l-investimenti u s-servizzi f'din il-lokalità tkomplewx, u jekk le, għal liema raġuni twaqqfu jew tnaqqsu; u

iii. x'miżuri konkreti biħsiebha tieħu sabiex tiżgura li r-residenti ta' San Pawl il-Baħar jingħataw livell adegwat ta' indafa matul is-sena kollha, b'mod partikolari matul ix-xhur tas-sajf?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-indafa f'kull lokalità hija importanti. Infurmata li f'din il-lokalità partikolari, d-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni allokat vetturi speċifiċi li huma ddedikati esklussivament sabiex jiġi żgurat servizz effiċjenti u kontinwu. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li s-servizzi ta' tindif fuq il-bajjiet u l-promenade jiġu pprovduti matul is-sena kollha. Matul il-perjodu tas-sajf, jiġu introdotti kontenituri għas-separazzjoni tal-iskart fuq il-bajjiet b'kollaborazzjoni mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), filwaqt li tiżdied ukoll il-frekwenza tal-ġbir u t-tbattil tal-kontenituri fuq il-bajjiet u l-promenades. Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ, isiru wkoll xogħlijiet ta' ħasil tat-toroq, kif ukoll tal-kontenituri tal-iskart.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB**

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W58. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja, fil-preżent hemm ħames uffiċjali ċċertifikati bħala first aiders.

Seduta Numru 9
08/07/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W59. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninsab infurmat illi fil-preżent hemm 258 first aiders ċċertifikati fl-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja.

Seduta Numru 9
08/07/2026